MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum is-16 ta' Novembru, 2017

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1485/2017LM

**Darren Casha (ID: 341982M) f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' l-assenti Petrus van der Dussen u Melanie Louise van der Dussen Doublet**

***vs.***

**Edgar Mifsud bħala mandatarju speċjali ta' l-assenti Christopher Ruffle (Passaport Brittaniku 500970183), negozjant, iben Harold Charles Ruffle u Kathleen Rosemary Ruffle nee' Alderman, imwieled Bradford, West Yorkshire, Ingilterra fit-28/09/58 u residenti 1, 1066, Dingxiang Road, Shanghai 200135, Cina u b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2017 l-Avukat Damien Degiorgio assuma l-atti ta' dawn il-proċeduri minflok Edgar Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mir-rikorrent fit-13 ta' Ottubru, 2017 fejn talab illi sabiex jikkawtela l-kreditu pretiż minnu, l-Qorti tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2017 fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-Kap. 12 laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017 fejn wara li rat ir-rikors ippreżentat dakinhar stess mill-Avukat Damien Degiorgio bħala mandatarju speċjali tal-intimat assenti, laqgħet it-talba u ordnat li Edgar Mifsud jiġi estromess mill-proċeduri odjerni u fejn awtorizzat lill-Avukat Damien Degiorgio jassumi l-atti ta' dawn il-proċeduri f'isem l-intimat Christopher Ruffle u sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors promotur.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Damien Degiorgio għar-Rikors promotur ippreżentata fid-19 ta' Ottubru, 2017.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2017 fejn ir-Rikors tħalla għal digriet kamerali.

Rat ir-rikors tal-Avukat Damien Degiorgio nomine ppreżentat fil-31 ta' Ottubru, 2017 fejn wara li sottometta illi t-talba għall-ħruġ tal-Mandat kienet intempestiva stante li ma kinitx saret interpellazzjoni idonea u għalhekk biex ma jiġix inibit milli jittrasferixxi l-proprjeta' indikata u/jew xi proprjeta' oħra, l-Avukat Damien Degiorgio noe ddepożita permezz ta' ċedola ta' depożitu taħt l-awtorita' tal-Qorti, is-somma ta' mija u sittin elf euro (€160,000) u dana sabiex din l-istess somma tiġi żbankata minn min għandu dritt għaliha skont is-sentenza finali, u talab għalhekk illi ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kap.

12 ġaladarba hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-intimat, dan il-Mandat għandu jiġi revokat.

Rat iċ-Ċedola ta' Depożitu Nru 1790/2017.

Filwaqt li tiċħad ir-Rikors Promotur ippreżentat mir-rikorrent fit-13 ta' Ottubru, 2017 u wara li rat l-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12 tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-13 ta' Ottubru, 2017 li permezz tiegħu kienet laqgħet provviżorjament il-Mandat.

Tordna li dan il-provvediment jiġi komunikat permezz tar-Reġistratur tal-Qorti lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet.

Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura riżervati għas-sentenza finali.